## TNEHID

*Għaddej mill-mogħdija*
*Ta' ħajti moħbija,*
*Għajnejja mistura*
*Biex le nħares 'lura,*
*Smajt leħen jitniehed*
*Bħal jitlob kien qiegħed:*
*"Urini t-triq tiegħi,*
*F'imħabbti 'mxi miegħi!"*

*Qalb safja kellmitni,*
*Fi triqti sabitni...*
*Kif nista' le nisma'*
*Min fija qed jitma,*
*Min minni jistenna*
*Xi kelma tal-Ġenna*
*Biex jimxi fl-imħabba*
*W ir-ruħ qatt ma jtabba'?*

*Għażilt darba w sewwa;*
*Stmerrejt jien kull dnewwa.*
*Weġibt liż-żgħożija*
*Li trid tafda fija,*
*Li magħha nitqabad,*
*Għaliha nitħabat,*
*Niġġieled, nissara,*
*Neħlisha mill-ħsara.*

*Ruħ ħelwa sibt f'idi*
*Mogħnija bil-Fidi,*
*Qalb safja, mistħija,*
*B'imħabba mimlija...*
*Għożżejtha, tħassartha,*
*Ħabbejtha, saħħartha...*
*Saħħartha għal warajja*
*F'dil-ġlieda tal-ħajja.*

4 ta' April 1964 — BRO. VICTOR, F.S.C.